Minuti tad-Disa' u Għoxrin (29) Laqgħa tas-Sitt (6) Kunsill tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li saret nhar Il-Ħamis, 20 ta' Mejju 2010 fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali fis-5.30 ta' filgħaxija.

I-laqgħa bdiet fil-5.35 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħrug |
|---|---|---|
| Sindku Perit Grażiella Galea | 5.15 p.m. | 8.30 p.m. |
| Viċi Sindku John Bray | Skużat | |
| Kunsillier Peter Abela | 5.34 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Ray Bartolo | 5.34 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Alexander Bezzina | 5.40 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Jason Camilleri | 5.25 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Mario Camilleri | 5.15 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Alfred Grima | 5.15 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Raymond Tabone | 5.15 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Frank Gauci | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Martin Zerafa | 5.40 p.m. | 8.30 p.m. |

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-kunsill.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

Fil-bidu tal-Laqgħa s-Sindku Graziella Galea talbet u ġiet approvata sospensjoni tar-regolamenti sabiex tagħmel mozzjoni biex jiġi approvat l-appuntament tas Sur John J. Camilleri bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv b'effett mit Tmintax (18) ta' Mejju 2010. Hija spjegat li wara li s-Sinjura M'Rose Camilleri, li kienet is-Segretarju Eżekuttiv ta' dan il-Kunsill, ġiet trasferita mas-segretarjat tal-Ministru Joe Cassar fid-Dipartiment tas-Saħħa, id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ħatar lis-Sur John J. Camilleri bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv b'effett mit-Tmintax (18) ta' Mejju.

Il-Kunsillier Alfred Grima ssekonda din il-mozzjoni u ġiet approvata unanimament il-ħatra ta' John J. Camilleri bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv .

2.00 Assenzjoni tas-Segretarju Eżekkuttiv għall-kariga fil-Ministeru tas-Saħħa.

2.01 Il-Kunsillier Alfred Grima qal li jħoss li kellha tissejjaħ Laqgħa Straordinarja sabiex il-Kunsill jiġi infurmat b'dan it trasferiment tas-Segretarju Eżekuttiv. Barra minnhekk huwa staqsa għaliex ma kienx hemm l'anqas biss "handing over" tax-xogħol lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv qabel ma' seħħ dan it-trasferiment.

Is-Sindku spjegat xi bdil li seħħ permezz tal-bdil fil-liġi li tirregola s-Segretarji Ezekuttivi. Il-Kunsilliera kollha kienu nfurmati permezz ta' e-mail.

3.00 Qari u Approvazjoni tal-Minuti tat-Tmienja u Għoxrin (28) Laqgħa tal-Kunsill (8 ta' April 2010 u Kontinwazjoni 13 ta' April, 2010).

3.01 Il-minuti tat-Tmienja u Għoxrin (28) Laqgħa tas-sitt Kunsill li ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa ġew meħuda bħala moqrija. Wara li saru l-korrezzjonijiet meħtieġa dawn ġew approvati u ffirmati.

3.02 Il-Korrezzjonijiet li saru huma:

Para 2.08 – żdiedu l-kliem "u ħareġ mill-kamra" fl-aħħar ta' l-ewwel sentenza.
Para 3.14 – It-tielet paragrafu li jibda bil-kliem "Is-Sindku ipproponiet..." ġie immarkat bin numru 3.14A bħala item separat min dak 3.14.
Para 3.21 – Żdiedet is-sentenza "Kien hemm qbil li din il-proposta titla fil-laqgħa li jmiss." fl-aħħar tal-paragrafu.
Para 4.00 (b) – Żdiedu il-kliem "b'eċċezzjoni tal-Kunsillier Bartolo" wara il-kliem "Il-Kunsill approva" fl-aħħar tal-ewwel paragrafu.
Para 8.00 – Inbidlet il-kelma "Tiġdid" mal-kelma "Sejħa" u inqatgħu il-kliem "bil-goff SPBLC 02-2009"
Para 9.27 – L-aħħar sentenza tal-paragrafu ġiet taqra hekk: "Ġie nnutat li t-telefon boxes ta' fejn il-Portobello qed jiżgumbraw il-bankina u jiġu spustjati."
Inqata l-isem "Rose Camilleri DPA" u "Rose" fejn jiffirma s-Segretarju Eżekuttiv fl-aħħar tal-minuti u iddaħlu l-kliem "John J. Camilleri-Agent Segretarju Ezekuttiv".

4.00 Punti li joħorġu mill-Minuti.

4.01 Dwar para 2.01 (Laqgħa 28 – 8/4/10) – Kienet saret il-laqgħa mal-ex-Direttur tal-Kunsilli Lokali, s-Sur Natalino Attard, dwar dan il każ tal-5% management fee li qed jitlob Adam Buġeja, u qed nistennew deċiżjoni bil-miktub mid-Dipartiment dwar dan.

4.02 Dwar para 2.02 (Laqgħa 28 – 8/4/10) – Kien hemm xi għaqdiet li qalu li ma rċevewx l-ittra dwar il-Forum tal-Għaqdiet. Il-Kunsill reġa kitbilhom.

4.03 Dwar para 2.06 (Laqgħa 28 – 8/4/10) – Il-Kunsill ġie infurmat li saret laqgħa u ġie spjegat x'għandu jsir u x-xogħol għandu jibda il-ġimgħa d-dieħla. Minflok taraġ ser issir niżla.

4.04 Dwar para 3.01 (Laqgħa 28 – 8/4/10) Saret laqgħa u ġie deċiż li jiġi identifikat xi post ieħor fejn ikun jista jitwaħħal l-apparat tal-WIFI.

4.05 Dwar para 3.02 (Laqgħa 28 – 8/4/10) – Il-Kunsill ġie infurmat li li l-konferenza ġiet imħassra u posposta għal Settembru.

4.06 Dwar para 3.07 (Laqgħa 28 – 8/4/10) – Il-Kunsill ġie infurmat li ser jintalab li jsir enforcement tal-liġijiet u jitneħħew it-trakkijiet.

4.07 Dwar para 3.11 (Laqgħa 28 – 8/4/10) – Ma kienx hemm konkorrenza biżżejjed għal dan il-programm "e-Councillors" u għalhekk ma sarx.

4.08 Dwar 3.14 (Laqgħa 28 – 8/4/10) – Saru n-no objections u nħarġu l-permessi. L-organizzaturi xtaqu li l-Kunsill jikkollabora f'din l'attivita. Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li l-Kunsill jista jieħu pubbliċita' tajba jekk jikkollabora f'din l-attivita' filwaqt li l-Kunsillier Peter Abela iċċara li d-deċiżjoni kienet li l-Kunsill ma jieħux sehem iżda biss jagħti n-no objection tiegħu. Dan kien ġie deċiż fid-dawl tal-każ tal-inċident f'ta Fra Ben kif ukoll minħabba li dan inaqqas in-negozju miċ-ċentru ta' Buġibba. Is-Sindku Graziella Galea talbet vot dwar jekk il-Kunsill għandux jipparteċipa. Il-proposta tressqet mill-Kunsillier Mario Camilleri u kienet issekondata mill-Kunsillier Frank Gauċi u kienet tgħid li l-Kunsill għandu jikkollabora fl-attivita' li ser isssir f'Kennedy Grove għal żmien il-Logħob tal-futbol għat-tazza tad-dinja. Il-vot ġie ħamsa (5) favur (Graziella Galea, Mario Camilleri, Ray Bartolo, Martin Zerafa, u Frank Gauċi) u ħamsa (5) kontra (Peter Abela, Alfred Grima, Alex Bezzina, Jason Camilleri u Ray Tabone). Is-Sindku Graziella Galea tat il-casting vote tagħha favur il-proposta u għalhekk il-proposta għaddiet.

4.09 Dwar 3.14 (Laqgħa 28 – 8/4/10) – L-avukat ser jiġbor il-punti kollha li qajmu l-Kunsilliera u jinforma lill-Kunsill.

4.10 Dwar 3.16 (Laqgħa 28 – 8/4/10) – Is-Sindku Graziella Galea infurmat li kienu saru ż-żewġ attivitajiet tal-1 u tat-2 ta' Mejju. Filwaqt li ma tantx kien hemm konkorrenza għall-attivita' tal-1 ta' Mejju, dik tat 2 ta' Mejju kienet suċċess kbir. Hija infurmat li l-Scouts kienu kkonfermaw li ser jipparteċipaw fl-attivita' tal-1 ta' Mejju iżda filfatt dawn ma attendewx mingħajr ebda avviż. Ġie deċiż li tinkiteb ittra lill s-Scouts fejn jintalbu spegazzjoni. Il-Kunsill wera wkoll l-apprezzament u rringrazja lill-impjegati u dawk involuti f'dawn l-attivitajiet. Fl-attivita' tat-2 ta' Mejju, iż- ŻĦN ma pparteċipawx u kienu ser jagħmlu l-attivita' f'data oħra.

4.11 Dwar 3.17 (Laqgħa 28 – 8/4/10) – Il-Kunsill ġie infurmat li kien qed isir sforz sabiex jinstabu l-karti tal-Water Services. Il-Kunsillier Alfred Grima qal li kienet ir-responsabilita' ta' l-ex-Segretarju Eżekuttiv li dawn il-karti jinżammu u għallhekk għandu jintalab rendikont mingħandha.

4.12 Dwar 3.21 (Laqgħa 28 – 8/4/10) – Saret diskussjoni dwar applikazjonijiet relatati mall-U.E. billi qabel kien ġie deċiż li din l-item tiġi diskussa. Il-Kunsillier Alfred Grima qal li hemm bżonn li jinħatar Bord għall-għajnuna fill-mili tal-formoli tal-applikazjonijiet tal U.E.. Is-Sindku Graziella Galea ipproponiet li għalissa tiġi posposta din it-talba sakemm s-Segretarju Eżekuttiv

il-ġdid ikun issetilja fil-kariga tiegħu. Il-Kunsillier Peter Abela ssekonda din il-proposta u l-proposta ġiet approvata unanimament. Saret diskussjoni dwar jekk din id-deċiżjoni kienitx tirreferi għall-'Aġent Segretarju Eżekuttiv'jew għas-'Segretarju Eżekuttiv' u l-Kunsillier Peter Abela insista li huwa kien issekonda l-proposta b'referenza għas- 'Segretarju Eżekuttiv' filwaqt li s-Sindku qalet li hija kienet qed tirreferi għall-'Aġent Segretarju Eżekuttiv'. F'dan l-istadju Peter Abela telaq il-barra mill-Laqgħa. Is-Sindku talbet li jittieħed vot sabiex tiġi ċċarata li r-referenza kienet għall-'Aġent Segretarju Eżekuttiv'. Ittieħed vot bir-riżultat ta' tmienja (8) favur (Alfred Grima, Ray Tabone, Alex Bezzina, Jason Camilleri, Frank Gauċi, Martin Zerafa, Mario Camilleri u Graziella Galea) u wieħed (1) kontra (Ray Baartolo). Il-mozzjoni għaddiet.

4.13 Dwar 3.22 (Laqgħa 28 – 8/4/10) – Is-Sindku Graziella Galea infurmat li kien tela' grupp Pozzallo, Sqallija u li għandha ssir applikazjoni lill-U.E. mill-Kunsill ta' Pozzallo sal- 31 ta' Mejju għall-ġemellaġġ mal-Kunsill ta' San Pawl il-Baħar.

4.14 Dwar 3.23 (Laqgħa 28 – 8/4/10) – Intalab li t-tqassim ta' flyers lir-residenti u għaqdiet għandu jsir aħjar għax diversi għaqdiet u każini, kif ukoll residenti, qalu li ma rċevewx il-flyers li tqassmu.

4.15 Dwar 3.30 (Kontinwazjoni tal-Laqgħa 28 – 13/04/10) - Il-Kunsill ġie infurmat li saret laqgħa mal-avukat u d-Direttur Ġenerali Martin Buġelli fejn ġie deċiż li ssir talba lill-Bord tal-Kuntratti sabiex dan jikkjarifika d-deċiżjoni tiegħu li ma hix daqstant ċara. L-avukat tal-Kunsill ser jagħmel din it-talba billi jikteb lill-Bord. Alfred Grima qal li huwa ma kienx ġie avżat b'dan il-meeting. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ntalab jikkomunika ma' l-avukat Dr. John Bonello dwar jekk intalbitx din il kjarifika mingħand il-Bord.

4.16 Dwar 7.00 (Kontinwazjoni tal-Laqgħa 28 – 13/04/10) - Ittieħdet deċiżjoni li Paramount Garages jingħatalu x-xogħol għas-servizz ta' mini buses bir-rati ikkwotati. Il-Kunsillier Jason Camilleri qal li kien skada t-total ta' P.O.s u ma ġiex infurmat il-Kunsill. Intalab li l-accountant tal-Kunsill tagħmel lista ta' pagamenti li saru lill-Paramount Garages u din tittella' fill-Laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

4.17 Dwar 9.03 (Kontinwazjoni tal-Laqgħa 28 – 13/04/10) - Il-Kunsillier Frank Gauċi staqsa kif huwa ma kienx ġie infurmat bill-Laqgħa mal-Każin tal-Banda. Is-Sindku qalet li hi kienet intalbet mill-każin tal-banda li ssir din il-laqgħa imma ma kienitx infurmata minn qabel dwar x'kien ser jiġi diskuss f'din il-laqgħa.

4.18 Dwar 9.17 (Kontinwazjoni tal-Laqgħa 28 – 13/04/10) - Il-Kunsillier Mario Camilleri infurma lill-Kunsill li kienet ser issir laqgħa oħra fil-21 ta' Mejju 2010 fil-10.00 ta' filgħodu.

4.19 Dwar 9.19 (Kontinwazjoni tal-Laqgħa 28 – 13/04/10) - Ġie nnotat li għalkemm dawn il-fjuri ġew verament sbieħ, diġa kien sar vandaliżmu u nsterqu xi wħud minn dawn ix-xitel u fjuri.

4.20 Dwar 9.20 (Kontinwazjoni tal-Laqgħa 28 – 13/04/10) - Ġie nnotat li kien jinħtieġ aktar infurzar tal-liġi.

4.21 Dwar 9.21 (Kontinwazjoni tal-Laqgħa 28 – 13/04/10) - Intalab li jitneħħew dawn is-sandwich sign boards billi jsir infurzar tal-liġi.

4.22 Dwar 9.22 (Kontinwazjoni tal-Laqgħa 28 – 13/04/10) - Ġie innotat li dawn il-bollards ġew imressqa u għandhom jerġgħu jitpoġġew fejn kienu.

4.23 Dwar 9.23 (Kontinwazjoni tal-Laqgħa 28 – 13/04/10) - Il-laqgħa mas-sid ma saritx għax il-Viċi Sindku John Bray kien indispost.

4.24 Dwar 9.25 (Kontinwazjoni tal-Laqgħa 28 – 13/04/10) - Is-Sindku ġiet mitluba tara jekk l-ittra lill-President ta' Malta intbagħtitx.

4.25 Dwar 9.27 (Kontinwazjoni tal-Laqgħa 28 – 13/04/10) - Alfred Grima talab li l-ewwel telefon boxes li għandhom jinqalaw kienu dawk tal-Pjazza u ta' Portobello. Talab ukoll li jinkitbu ittri lil Shigo u Go. Il-Kunsillier Mario Zerafa qal li t-telefon boxes tax-Shigo kienu fil proċess li jinqalaw dalwaqt.

4.26 Dwar 9.29 (Kontinwazjoni tal-Laqgħa 28 – 13/04/10) - Il-Kunsillier Alfred Grima talab li tinkiteb ittra lill Transport Malta.

4.27 Dwar 9.32 (Kontinwazjoni tal-Laqgħa 28 – 13/04/10) - Frank Gauċi talab jiġi ċċekjat jekk l-ittra lill A C Zammit ntbagħtitx.

4.28 Dwar 9.33 (Kontinwazjoni tal-Laqgħa 28 – 13/04/10) - Saret laqgħa ma Stephanie Xuereb. Is-sejħa għadha ma ħarġitx għax il-Kunsill qed jistenna r-rekwiżiti għal dan iċ-ċentru.

5.00 Skedi ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta' xogħol.

5.01 Ġie deċiż li dan l-item isir qabel items oħra minħabba li kien qed isir il-ħin.

5.02 Ġie approvat unanimament ir-Rendikont ta' Dħul kif ippreżentat.

5.03 Il-Kunsillier Raymond Bartolo astjena fir-rigward tar-Rendikont tal-Pagamenti. Dawn ġew approvati bl-eċċezjoni tal-pagamenti nru : 1230, 1231, 1232, 1236 u 1269. Rigwrd il-pagamenti lill ELC intalab li jiġi ċċekjat jekk it-taħwil ta' fjuri kienx inkluż fil-kuntratt jew jekk dawn kienux qed jiġi iċċarġjati extra. Alfred Grima qal li dawn suppost huma koperti bil-kuntratt u li jekk le għandu jinħareġ tender għall-akkwist ta' pjanti. Dan japplika wkoll għal xiri ta' żebgħa. Intalab ukoll li pagament nru. 1269 jiġi iċċarat mal Authorised Officer Ray Grima tal-KKT jekk dan għandux jitħallas mill KKT jew mill-Kunsill.

6.00 Estimi Finanzjarji – 1ta' Jannar 2010 sal-31ta'Marzu 2010.

6.01 L-accountant Romina Perici Ferrante ġiet mitluba tintervjeni fil-laqgħa sabiex tagħti spjegazzjoni tal-pożizzjoni ta' l-ewwel kwart tas-sena finanzjarja. Hija spjegat fid-dettal ir-rapport kif ippreżentat u dawn l-istimi ġew approvati unanimament. Intalab li dawn ir-rapporti jibdew jintbagħtu lil-Kunsilliera aktar kmieni qabel il-laqgħa sabiex wieħed ikun jista

jistudjahom sew. Intalab ukoll li żewġ faċċati tal-analiżi tar-rapport finanzjarju u li kienu nieqsa jintbagħtu lil-Kunsilliera kollha wara din il-laqgħa.

7.00 Riżenja ta Skrivana.

7.01 Il-Kunsill ġie infurmat b'riżenja tal-impjegata Sylvie Magri (skrivana) tal-Kunsill. Alfred Grima staqsa għaliex kien qed iseħħu dawn ir-riżenji kollha mill-impjegati tal-Kunsill. Is-Sindku spjegat li l-aħħar riżenja kienet madwar sentejn ilu.

7.02 Ġie approvat li din l-iskrivana tingħata dal kollu li hu dovut lilha skont il-liġi.

8.00 Performance Bonus mill-1 ta' Jannar 2010 sa tmiem l-impjieg tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Iskrivana.

8.01 Sar qbil dwar ir-rata li għandha tingħata bħala performance bonus lil-ex Segretarju Eżekuttiv, M'Rose Camilleri. Din għandħa tingħata r-rata ta' 7 ½ %.

8.02 Ġie approvat li l-ex-skrivana Sylvie Magri tingħata il-massimu tar-rata ta' performance bonus skont il-collective agreement.

9.00 Tlugħ ta' Skala tal-Assistenta Skrivana.

9.01 Ġie approvat unanimament li l-assistenta skrivana Delcine Gauci titla skala fis-salarju.

10.00 Egħluq tal-Laqgħa.

Billi kien sar il-ħin (8.30 ta' filgħaxija) il-Laqgħa aġġornat għat-tkomplija ta' l-Aġenda għal nhar il-Erbgħa 26 ta' Mejju, 2010.

Graziella Galea – Sindku John J. Cmilleri – Aġent Segretarju Eżekuttiv.